MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1080/2001/1

**Carmelo Grech.**

**-vs-**

**Charlie sive Carmelo Bondin u Rose mart l-istess Charlie Bondin.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-15 ta' Gunju, 2001 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi madwar sitt gimghat ilu, ghal bidu ta' Mejju 2001, il-konvenuti llegalment, klandestinament, abusivament u kontra r-rieda u l-volonta' tal-attur impossessaw ruhhom minn zewg

ghelieqi mahduma tal-protestant f’ San Anard, limiti ta’ Haz-Zabbar, billi qabdu u dahlu fihom, ghalqu d-dhulijiet kollha ghalihom, fethu dhul iehor ghalihom minn go ghalqa li jallegaw li ghadhom kif xtraw dan l-ahhar minghand terzi, impedew lill-attur mill-access u mit-tgawdija tal-istess ghelieqi tieghu u ghamlulu ukoll hsara ngenti fl-imsemmija ghelieqi billi qabdu u qacctu l-pal tal-bajtar li kien hemm fihom.

Illi dan l-agir tal-konvenuti jikostitwixxi spoll vjolenti fil-konfront ta’ l-attur.

Illi l-konvenuti, interpellati permezz tal-Protest tal-24 ta’ Mejju, 2001, liema Protest gie lilhom debitament notifikat, sabiex jergghu jirriprestinaw kollox fl-istat li kien qabel u jergghu jirrintegraw lill-attur fil-pussess u t-tgawdija tal-istess zewg ghelieqi tieghu, baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti fil-konfront ta’ l-attur jammonta ghal u jikostitwixxi spoll vjolenti.

2. Tiddikjara illi bl-agir taghhom il-konvenuti kkagunaw danni lill-attur billi qacctu l-pal tal-bajtar li kellu fl-ghelieqi *‘de quo’*.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir, perentorju u mporrogabbli li jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jirriprestinaw l-imsemmija ghelieqi fl-istat li kienu qabel u jergghu jirreintegraw lill-attur fil-pussess u t-tgawdija tal-istess ghelieqi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult u tal-Protest tal-24 ta’ Mejju, 2001 u b’ riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-22 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha l-konvenut Bondin ecepixxa:

1. Illi m’ hemmx l-elementi tal-azzjoni ta’ spoll.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-attur hareg minn jeddu mill-ghalqa fl-1 ta’ Mejju, 2001.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Frar, 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta’ spoll. Il-partijiet it-tnejn xehdu anke gew prodotti xhieda ohra li kienu l-Avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco, raprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u zewg neputijiet tal-konvenut.

Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dawn huma:

**1. Il-pussess.**

**2. L-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta’ tal-attur, u**

**3. Li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenut f’ din il-kawza qed jichad li kkommetta spoll u qed jallega li kull ma ghamel kien illi wara li xtara l-ghalqa

in kwistjoni u sab lill-attur jahdem l-art abusivament wasal fi

ftehim mieghu li kellu jwassal lill-attur jitlaq l-art u effettivament dan ghamel hekk fl-1 ta' Mejju, 2001. Ftit gimghat wara giet intavolata l-kawza.

Illi ghalhekk fuq diversi punti din il-kawza trid tigi deciza a bazi tal-kredibilita' tal-partijiet. Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien qed jokkupa l-art, anke jekk hu jghid li kellhu t-titolu ta' qbiela u l-konvenut jghid li kien qed jokkupaha abusivament. Izda jekk din l-okkupazzjoni ma' gietx rilaxxata volontarjament hu importanti ghall-ezitu ta' din il-kawza.

Il-Qorti hija tal-fehma li fuq il-punt tal-okkupazzjoni, il-verzjoni tal-konvenut hija iktar kredibbli. Fil-fehma taghha, l-attur li veru kellhu titolu ta' qbiela fuq tomniet ohra adjacenti, f' xi zmien okkupa ukoll din l-ghalqa ghaliex ma kien jahdimha hadd. X' aktarx li ghamel dan bil-fehma illi jekk eventwalment jitfacca xi hadd li jkollu titolu, jwarrab bil-kwiet. Dan jikkonfermah id-deposizzjoni ta' l-Avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco li qal li l-attur fil-fehma tieghu okkupa ukoll ghalqa tal-klijenti tieghu fl-istess akkwata.

Minhabba f' hekk, il-Qorti thoss ukoll li anke l-verzjoni tal-konvenut li ftit qabel il-kawza l-attur telaq il-pussess volontarjament hija kredibbli. Infatti anke z-zewg neputijiet tal-attur ikkonfermaw li zijuhom qalilhom biex ma jibqghux jahdmu l-ghalqa ghaliex il-konvenut kien qallu biex jitlaq minnha. F' dak il-mument ghalhekk l-attur tilef il-possibilita' li jagixxi bhala possessur. Probabilment kien wara li ha parir legali (li sfortunatament ghalih hadu tard) li rrealizza li ma kellhux ghalfejn jitlaq l-ghalqa *without a fight* kif jghidu l-Inglizi. Ghalhekk imbaghad baghat protest gudizzjarju u fetah din il-kawza.

Naturalment il-Qorti mhijiex se tidhol fi kwistjonijiet petitorji anke jekk f' din il-kawza l-partijiet qaghdu attenti hafna li ma jidhlux fi kwistjonijiet simili, kontra dak li jigri f' kawzi ta' spoll quddiem il-Qrati taghna.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------